MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 581/2005/2

**Care Services Limited**

**vs**

**Mario Muscat u Alfred Vella**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta’ Mejju, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti:-
>
> Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta attrici fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha d-danni sofferti minnhom kawza t’incident li sehh nhar it-tnejn w ghoxrin (22) t’Ottubru 2003 waqt tragit bil-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni HSY-017 proprjeta ta’ Mario Muscat li kienet misjuqa minn Alfred Vella f’liema incident

Giulia Ellul Sullivan sofriet griehi ta' natura gravi, liema tragit kien qieghed isir mill-konvenuti, wara li s-socjeta attrici ordnat servizzi ta' transport minghand il-konvenuti, liema servizz gew esegwiti b'mod negligenti u kawza ta' tali negligenza, s-socjeta attrici sofriet danni.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Ittra Ufficcjali datata erbatax (14) t'Ottubru 2005.

Ai fini ta' kompetenza, gie dikjarat li d-danni ma jeccedux il-hamest elef lira maltin (LM5,000).

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn esponew bir-rispett li:-

1. Preliminarjament, l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti *ratione materie* stante li billi l-kawza si tratta t'incident tat-traffiku fejn id-danni ma jeccedux il-hamest elef lira maltin (LM5,000), din il-vertenza kellha tigi riferuta lic-Centru Malti tal-Arbitragg u dan a tenur tal-Avvizi Legali Numru 419/2004 u 279/2005.

2. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat in-nota tal-konvenuti li permezz taghha esebew kopja legali tas-sentenza fl-ismijiet **<u>Aquatess Limited vs Alfred Vella et</u>** deciza fl-erbgha w ghoxrin (24) ta' Gunju 2005 moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta.

Rat il-verbal tal-Qorti datat ghaxra (10) t'Ottubru 2006 (fol. 26) fejn iddikjarat li kienet rat ir-raba skeda tal-Kap 387 paragrafu 112, w iddikjarat li m'ghandhiex gurisdizzjoni fir-rigward w ghalhekk, mhux ser tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **<u>Care Services Limited vs Mario Muscat u Alfred Vella</u>** deciza nhar it-tnax (12) t'April 2007 fejn annullat u hasret il-provediment moghti minn

din il-Qorti diversament preseduta nhar l-ghaxra (10) t'Ottubru 2006 u fejn irrimettiet l-atti lura lill-istess l-ewwel Qorti ghad-determinazzjoni u decizjoni skond il-ligi tal-eccezzjoni tal-inkompetenza sollevata mill-konvenuti.

Rat illi nhar l-ghaxra (10) ta' Dicembru 2007 l-attur esebixxa nota ta' sottomissjonijiet dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti dwar l-inkompetenza *ratione materia* u dan bil-visto tal-kontro parti.

Rat is-risposta tal-konvenuti pprezentata nhar l-erbatax (14) ta' Jannar 2008.

Rat is-sentenza preliminari moghtija nhar t-tmienja (8) t'April 2008 minn din il-Qorti kif preseduta fl-istess ismijiet premessi, fejn cahdet l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti w iddikjarat li hija ghandha kompetenza sabiex tisma u tiddeciedi l-kawza odjerna.

Rat ir-rikors tal-konvenuti ipprezentat fl-atti nhar l-ghaxra (10) t'April 2008 fejn talbu lil din il-Qorti tawtorizzhom jipprezentaw nota t'eccezzjonijiet ulterjuri u dana sabiex il-kawza tkun tista tigi kontestata fuq il-mertu.

Rat id-digriet taghha tal-erbatax (14) t'April 2008 fejn laqghet l-istess talba tal-konvenuti ghal prezentata tal-eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota t'eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti ipprezentata nhar tmienja (8) ta' Mejju 2008 fejn eccepew bir-rispett:-

1. Illi fl-ewwel lok u fil-mertu ta' dan l-incident gja gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **<u>Aquatess Limited vs Alfred Vella et</u>** - Avviz Numru 375/2004DM nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Gunju 2005 u kwindi l-eccipjent m'ghandhom iwiegbu xejn fil-konfront tas-socjeta attrici li instabet f'din is-sentenza

definittiva unikament responsabbli ghall-akkadut w ghad-danni konsegwenzjali rizultanti mill-incident li gara fit-tnejn w ghoxrin (22) t'Ottubru 2003 u li fih korriet Giulia Ellul Sullivan.

2. Illi ukoll bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma kienu b'ebda mod responsabbli ghal dak li gara lil Giulia Ellul Sullivan fl-incident li gara fit-tnejn w ghoxrin (22) t'Ottubru 2003 waqt li Alfred Vella kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HSY-017 proprjeta ta' Mario Muscat, liema incident gara unikament tort u htija t'impjegati tas-socjeta attrici u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi 'n vista tal-premess l-ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta attrici w ghalhekk, it-talbiet taghha fil-konfront tal-eccipjent ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Rat in-nota tas-socjeta attrici li pprezentata fl-atti nhar is-sitta (6) t'Ottubru 2008 li permezz taghha pprezentata l-affidavit ta' Angele Buhagiar li gie mmarkat bhala Dok. AB O1.

F'din l-affidavit Angele Buhagiar tghid li hija tahdem bhala manager fir-residenza ghall-anzjani 'Casa Serena'. Bhala residenza kienu ta' spiss jikru vannijiet minghand Co-operative Transport Services (Lilac Vans) u dawn il-vannijiet huma ddisinjati apposta sabiex jipprovdu servizzi ta' transport lil persuni bi bzonnijiet specjali. Huma jipprovdu wkoll *carers* biex jassistu lill-anzjani residenti, ghalkemm m'humiex responsabbli ghas-*set up* tal-anzjani fuq il-vann. Tghid li hija r-responsabilita' tas-sewwieq tal-vann li jispezzjona il-vann qabel ma sewwieq jitlaq bih.

Tispjega li nhar it-tnejn w ghoxrin (22) t'Ottubru 2003 ghall-habta tal-hdax ta' filghodu, l-vann kien miexi matul it-Triq St. Andrews, meta f'daqqa wahda karozza, li kienet quddiem il-vann, ghamlet

U-Turn mhux mistennija w il-vann ha *brake* qawwi bil-konsegwenza li l-passiggieri fil-vann gew imbuttati ‘l quddiem u fost il-passiggieri kien hemm Giulia Ellul Sullivan, li laqtghet irkobtejha mal-*panel* tal-van. Il-vann baqa’ sejjer lejn ir-residenza u wara hatt il-passiggieri kollha. Meta waslu l-passiggieri, bdew jitkellmu dwar l-incident u Giulia Ellul Sullivan bdiet tilmenta bl-ugiegh u giet akkompanjata sal-isptar St. Philip’s fejn giet ammessa bhala *in patient* ghal ftit granet u binha pprezenta l-kont taghha tal-isptar, lis-socjeta attrici li tiehu hsieb ir-residenza ‘Casa Serena’. Dan il-kaz spicca l-Qorti u s-socjeta attrici spiccat sofriet danni fl-ammont ta’ LM4218.76 rapprezentanti ‘n kwantu ghal LM3,404 kont ta’ l-isptar, LM385.67 interessi li gew likwidati mill-Qorti u LM430 spejjes gudizzjarji. Dan l-ammont in effetti thallas permezz ta’ cekk wiehed indirizzat lil Dr. Renato Cefai. Oltre dan, is-socjeta attrici sofriet ukoll is-somma ta’ LM650 bhala spejjes legali dovuti lil Dottor Louis Bianchi, bhala rapprezentant legali tal-konvenuti l-ohra.

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Aquatess Ltd vs Alfred Vella et** nhar id-disgha (9) t’Ottubru 2008 li tinsab inserita fl-atti a fol. 90 permezz ta’ nota tar-Registratur tal-Qorti.

Semghet lil avukati tal-partijiet jittrattaw l-eccezzjoni tal-*res judicata* fis-seduta tat-tnejn w ghoxrin (22) t’April 2009.

Ikkunsidrat:-

Illi f'din l-istanza l-konvenuti eccepew in linea preliminari l-gudikat, u skond il-verbal tat-tnejn w ghoxrin (22) t'April 2009 il-kawza baqghet ghad-decizjoni fuq dan il-punt. Dan huwa hekk logiku ‘n kwantu kif sancit fl-artikolu 730 tal-Kapitolu 12 l-eccezzjoni tar-*res judicata* ghandha dejjem tigi deciza b'kap separat qabel, jew flimkien mas-

sentenza fuq il-meritu. Jekk dan ma jsirx, din l-ommissjoni ggib in-nullita tas-sentenza ("**Paolo Azzopardi -vs- Paolo Abela noe**", Appell Kummerc, 10 ta' Dicembru 1954).

Eccezzjoni bhal din ma tinvolvi l-ebda kontestazzjoni ta' fatt izda hi wahda ta' natura prettament guridika. Huwa mportanti pero`, w ghandu jinzamm dejjem in mira, illi l-principji legali nvoluti, jridu jinqraw mhux biss fl-isfond tal-gurisprudenza stabbilita in materja, izda fuq kollox unitament mal-fatti partikolari tal-kaz taht diskussjoni u tal-portata tas-sentenza precedenti. Fil-kaz *de quo*, dik moghtija fl-erbgha w ghoxrin (24) ta' Gunju 2005 fil-kawza bejn is-socjeta Aquatess Limited u l-konvenut Alfred Vella u s-socjeta attrici stess. (Avviz Numru 375/04/DM).

Tajjeb li qabel kull konsiderazzjoni ohra, tigi ribadita lenuncjazzjoni kaptata mid-decizjoni fl-ismijiet "**Francesco Aquilina -vs- Neg. Giuseppe Gasan et**", Appell Kummerc, 5 ta' Novembru 1934:

"*L-'exceptio rei judicatae' ghandha bhala fundament il-fatt tal-interess pubbliku, u wkoll ghaliex 'interest rei publicae ut sit finis litium'. Sentenza li ghaddiet 'in giudicato', jigifieri li ma tista' tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq - 'res judicata pro veritate habetur' - jigifieri l-fundament tal-'actio' u tal-'exceptio judicati' hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija 'strictissimae interpretationis'.*"

Huwa maghruf li l-elementi tal-eccezzjoni tal-gudikat huma li s-sentenza ta' qabel kienet moghtija f'kawza bejn l-istess persuni fuq l-istess soggett u ghall-istess kawzali (*eadem personam, eadem res, eadem petendi*) bhal fil-kawza l-gdida. ("**Joseph Camilleri -vs- Lilian Mallia**", Appell, 5 ta' Ottubru 1998).

Stabbiliti dawn l-estremi, jrid jigi ezaminat jekk fil-kaz jirrikorrux l-elementi kollha tal-eccezzjoni kif pretiz mill-konvenuti.

Minn ezami tad-decizjoni tat-tletin (30) ta' Gunju 1999, jirrizulta li l-istanza *de quo* qed issir bejn uhud mill-istess persuni. Lanqas ma jidher li hemm diffikolta in kwantu jirrigwarda l-estrem tar-*ratio petendi* in kwantu fiz-zewg kawzi, l-kawzali ghat-talbiet hi ddentika.

In rigward tal-identita` tal-oggett tal-kawza l-gurisprudenza zviluppat il-hsieb aktar l-isfel imfisser.

Gie affermat illi hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat anki meta l-meritu tal-kaz (bhal fil-kaz in esami), ghalkemm distint minn dak tal-kawza ta' qabel, jifforma parti mill-istess haga jekk il-punt kontrovers ikun l-istess (**Vol. XXX P I p 131; "Dr. Jose` Herrera nomine -vs- Anthony Cassar et nomine"**, Appell Kummerc, 5 ta' Ottubru 1992).

Intqal ukoll illi ghalkemm biex jista' jigi nvokat il-gudikat, hemm bzonn l-identita` tal-oggett, din l-identita` ma hemmx bzonn tkun assoluta, basta li jkun hemm l-identita` fuq il-punt kontrovers, jew l-oggett fit-tieni citazzjoni jkun jidhol bhala parti integrali tal-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel citazzjoni ("**Antonio Abela -vs- Giuseppe Fenech**", Prim' Awla, Qorti Civili, 28 ta' Frar 1946). Li jfisser li l-atturi ma jkunux jistghu permezz ta' kawza ohra jifthu t-trattazzjoni tal-istess punti fl-istess kwistjoni li gja gew diskussi f'kawza deciza b'sentenza li gja ghaddiet f'gudikat ("**P.L. Roberto Tabone noe -vs- Joseph Cannataci**", Qorti Civili, Prim' Awla, 6 ta' Marzu 1946).

Hija proprju din il-linja difensjonali tal-konvenuti fl-istanza ezaminata, tant li huma jinvokaw proprju

dawn l-ahhar zewg decizjonijiet appena citati, segwiti b'approvazzjoni fis-sentenzi fl-ismijiet **"Grazia Camilleri -vs- Antonio Sciberras"**, Appell Civili, 29 ta' Marzu 1957 u "**Carmelo Said et -vs- Nutar Dr. Giuseppe Cauchi**", Appell Civili, 20 ta' Ottubru 1958.

Gie pero` insenjat ukoll illi "sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju, l-istess kwistjoni tibqa' mhux deciza, u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat." ("**Caterina Gerada vs Avukat Dr. Antonio Caruana**", Appell Civili, 7 ta' Marzu 1958);

Fiha ssokta jigi rilevat illi "*l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b'cirkospezzjoni kbira; u dan aktar w aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bhal meta si tratta minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjah gudikat implicitu. Biex ikun hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet 'effettivament' deciza bis-sentenza ta' qabel, u mhux biss li setghet tigi deciza*."

Trasportati dawn il-principji ghal kaz taht konsiderazzjoni, jidher bil-wisq evidenti illi mhux biss tezula l-identita` tal-oggett, izda wkoll il-punt kontrovers huwa divers.

Illi minn dak li jirizulta mill-atti tal-kawza u li huwa rilevanti ghall-finijiet tal-eccezzjoni taht ezami, johrog car minn ezami tas-sentenza esebita a fol 91 fl-ismijiet **Aquatess Limited vs Alfred Vella ghal kull interess li jista jkollhom l-istess Co-operative Transport u Care Services Limited,** jirrizulta li l-azzjoni kienet wahda ta' kundanna ta' hlas kagunati minn incident awtomobilistiku li sehh fit-tnejn w ghoxrin (22) t'Ottubru 2003, fejn korriet

Giulia Ellul Sullivan. Jirrizulta wkoll li s-socjeta attrici odjerna kienet kontumaci fil-proceduri li kienu ghaddejjin w ghalhekk, is-socjeta Aquatess Limited, kienet cediet l-atti fil-konfront tal-konvenuti l-ohra, il-konvenuti odjerni u zammet ferm il-pretensjoni taghhom fil-konfront tas-socjeta attrici odjerna. Illi f'dik il-kawza, s-socjeta attrici m'ikkontestatx ir-responsabilita tal-incident w in segwitu, giet kkundannata thallas is-somma ta' LM3403 pretiza mis-socjeta odjerna minghand il-konvenuti, oltre l-ispejjez w imghaxijiet dovuti 'n konessjoni ma dik is-sentenza.

Illi jinghad li ghal dak li jirrigwarda l-punti ta' dritt marbuta mal-eccezzjoni taht ezami, jinghad li llum il-gurnata hemm qbil generali kemm fid-dottrina u kif ukoll fis-sentenzi tal-Qrati, dwar x'inhuwa mehtieg biex l-eccezzjoni tal-gudikat tista' tintlaqa'. Tlieta huma l-elementi li jmisshom jigu murija minn min iqanqal l-eccezzjoni biex din issehh. Dawn l-elementi huma l-istess oggett (*eadem res*), l-istess partijiet (*eadem personae*) u l-istess mertu (*eadem causa petendi*). Huwa siewi li wiehed izomm quddiem ghajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eccezzjoni tirnexxi, jehtieg li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru, ghax fin-nuqqas, ma jistax jinghad li l-haga hija l-istess (*nisi omnia concurrunt, alia res est*).

Illi l-eccezzjoni tal-gudikat tissemma fl-artikolu 730 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili bhala wahda li dwarha ghandha tinghata decizjoni b'kap ghaliha, wkoll jekk tinqata' flimkien mal-mertu fid-decizjoni ahharija.

Illi, kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha, l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f'sentenza, li tbieghed il-possibilita' ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta'

kwestjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza li tkun inghatat.

Illi minhabba fil-fatt li dik l-eccezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jisthoqqilha tigi meqjusa minn Qorti, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tkun t'interpretazzjoni dejqa, tant li, f'kaz ta' dubju, l-gudikant ghandu jaqta' kontra dik l-eccezzjoni; (Ara, per ezempju, App. iv. **5.10.1998** fil-kawza fl-ismijiet **J. Camilleri vs L. Mallia**.)

Illi, min-naha l-ohra, dan il-principju huwa mwiezen b'dak l-iehor daqstant ghaqli li, fejn kwestjoni tkun giet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tigi appellata jew ritrattata, tigi konfermata; jew, jekk ma tigix appellata jew ritrattata fiz-zmien li tippreskrivi l-li ma ssir l-ebda procedura ohra li tattakka lil dik is-sentenza. (Ara P.A.**11.3.1949** fil-kawza fl-ismijiet **Cassar Parnis vs Soler** **(Kollez. Vol:XXXIII.ii.344).**

Dan il-principju jissahhah meta l-kwestjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza, jkun diga' jezisti fil-waqt li tinghata s-sentenza fl-ewwel kawza. (P.A. GV **27.6.1995** fil-kawza fl-ismijiet **A.P. Farrugia noe vs T. Borg Reveille et** ).

Illi fil-kawza prezenti, l-attur jaghmilha cara li m'hemmx kontestazzjoni dwar is-sentenza li ghaliha jirreferu l-konvenuti, ghaliex ma qal xejn li imur *contrario senso* ghal dak hemm kontenut, imma jghid li l-eccezzjoni tal-gudikat, ma tapplikax ghall-kaz tieghu, ghaliex f'din il-kawza odjerna, l-partijiet m'humiex identici bhal dawk tal-kawza deciza fl-erbgha w ghoxrin (24) ta' Gunju 2004, u li kienet il-bazi li fuqha din il-Qorti (diversament preseduta) tat id-decizjoni taghha. Illi ghalkemm huwa minnu li l-partijiet m'humiex identici, l-mertu tal-kawza huwa l-istess u s-socjeta odjerna kienet imharrka fil-kawza l-ohra w ghazlet li tibqa kontumaci. Ma jidhirx lanqas li hija pprezentat xi

appell, w ghalhekk giet, li accettat dak deciz fil-konfront taghha.

Illi ghalhekk, m'hemmx dubbju, li dik is-sentenza tikkostitwixxi stat fil-konfront tas-socjeta attrici.

Illi dwar dan il-punt, inqalghu ghadd ta' diffikultajiet matul iz-zmien dwar it-tifsira xierqa li jmissha tinghata lill-frazi l-"istess kawzali" (*eadem causa petendi*), l-izjed dwar kemm ghandha titwessa' t-tifsira tal-identita' bejn dak li jkun gie deciz u dak li jkun qieghed jintalab fit-tieni kawza.

Illi din il-Qorti fittxet l-ghejun ta' dritt li minnhom carcet u xxettlet id-duttrina tal-gudikat f'dan ir-rigward, b'mod partikolari dak li jghallmu l-awturi **Aubry**, **Rau** u **Laurent**. M'huwiex ghalxejn li l-ligi tipprovdi li s-sentenza ghandha tkun motivata u li jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun sejset id-decizjoni taghha. Huwa minhabba dawk ir-ragunijiet, li wiehed jista' jifhem x'ikun wassal lill-Qorti taqta' l-kawza, kif fil-fatt qatghetha. Kien ghalhekk li jinghad li d-dispozittiv ta' sentenza m'ghandux jittiehed separatament mill-motivat, imma ghandu jigi minn dan definit u spjegat.

Illi dan it-taghlim gie mfisser u mtenni wkoll b'mod car hafna fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-sitta w ghoxrin (**26) ta' Mejju 1967** fil-kawza fl-ismijiet **<u>Grima vs Fava et</u>** li ghaliha u r-rassenja ta' gurisprudenza msemmijin fiha ssir riferenza.

Illi, fil-qosor jinghad li, jekk bejn it-talbiet tat-tieni kawza u dak li gie deciz fl-ewwel kawza jkun hemm kontradizzjoni u impossibilita' ta' ko-ezistenza, allura jirrikorri r-rekwizit tal-identita' tal-oggett li jikkostitwixxi dan l-element kostitutiv tal-eccezzjoni tal-gudikat.

Illi l-Qorti qieset sewwa l-pozizzjoni mfissra miz-zewg nahat dwar dan l-element w issib li l-attur

ma hux mghejun fl-argument tieghu minn dak li tassew sehh.

Il-Qorti tibda biex tghid li ma tifhimx ghaliex l-attur halla s-sentenza moghtija f'Gunju tas-sena 2004 ghaddejja u ma ressaq minnha l-ebda appell. Dik is-sentenza holqot stat fil-konfront tieghu dwar il-pretensjonijiet imressqin kontrih mill-imharrka socjeta Aquatess Limited.

Illi, fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti tasal ghall-fehma, li dan l-element tal-eccezzjoni, huwa ippruvat kif imiss.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-imharkin konvenuti billi tilqa' l-istess eccezzjoni tal-gudikat, u b'hekk tehlishom milli joqghodu fil-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-attur.**"**

Il-kumpanija attrici appellat minn din is-sentenza bl-aggravji f'din l-ordni:-

(1) L-ewwel Qorti kienet proceduralment skorretta meta bid-digriet taghha ta' l-14 ta' April 2008 awtorizzat il-prezentata ta' eccezzjonijiet ulterjuri mill-konvenuti;

(2) F'kull kaz, l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni zbaljata meta ddeterminat li kienu jezistu l-estremi ta' l-eccezzjoni tar-*res judicata*, in partikolari, l-*eadem personae* u l-*eadem causa petendi*;

Fl-ispjegazzjoni li s-socjeta` attrici appellanti tati lill-ewwel motiv ta' aggravju, din tissottometti illi l-ewwel Qorti naqset proceduralment meta ma ordnatx in-notifika tar-rikors li permezz tieghu l-konvenuti talbu li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri. Hekk ukoll l-istess Qorti naqset ukoll meta ammettiet it-talba ghaliex ma kien hemm x'jimpedixxi li dawk l-eccezzjonijiet ma jitqajmux *in limine*

*litis* u, barra minn dan, il-konvenuti lanqas ma pprovdew raguni ghalfejn dawk l-eccezzjonijiet kienu qed jigu ventilati f'dak l-istadju;

Fil-konfront ta' dan l-aggravju l-Qorti jidhrilha li ghandha taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

1. Jinzel mid-dispost ta' l-Artikolu 728 (2) tal-Kapitolu 12 illi hu fil-poter dispositiv tal-Qorti adita jekk takkoljiex, jew le, talba ghall-prezentata ta' eccezzjonijiet godda li ma jkunux inghataw fil-bidu tal-kawza. Bl-uzu tal-verb "tista'", il-fakolta moghtija lill-Qorti hi wahda esklussiva ghal dik l-istess Qorti, u ma tiddependix lanqas minn notifika preventiva anke jekk hu deziderabbli li din issir. Di fatti, minn imkien minn dan l-istess dispost ma jirrizulta illi kien inkombenti fuq il-Qorti li tordna n-notifika ta' dak ir-rikors, ghax l-importanti, u dak li jghodd, hu li l-Qorti tkun sodisfatta hi stess mir-rilevanza ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri. Materja din li taqa' purament u ghal kollox fis-setgha diskrezzjonali u prudenzjali taghha;

2. F'kull kaz riferibilment ghall-eccezzjoni tal-gudikat irid jinghad illi anke kieku stess din ma tkunx giet sollevata b'mod formali xorta wahda dik l-eccezzjoni kienet tobbliga lill-Qorti li tippronunzja ruhha dwarha meta dik l-eccezzjoni tkun temergi mill-atti prodotti fil-kors tal-gudizzju. Dan ghaliex l-eccezzjoni tal-gudikat ma tirrikjedix l-uzu ta' xi forma sagramentali izda sufficjenti li tintwera dik il-volonta mill-parti li turi b'mod inekwivokabbli l-intenzjoni li hi trid tinvoka l-effett tal-gudikat;

3. Proprju fuq il-punt hawn appena senjalat, anke l-istess gurispurdenza taghna hi wahda konformi. L-istipiti ta' din il-gurisprudenza nsibuh fis-sentenza tal-Prim' Awla, Qorti Civili tal-21 ta' Marzu, 1923, konfermata in sede Appell fit-23 ta' Novembru, 1923, fil-kawza "**Giuseppe Micallef *et* -vs- Grazio Micallef**", fejn gie deciz illi, "*sebbene il convenuto non abbia in forma specifica opposto in suo difesa la reigiudicata nascente dalla detta sentenza di questa Corte data tra le parti il 14 giugno 1922, pure dal fatto d'avere il convenuto invocato tale*

*sentenza, a sostegno della sua conclusione, di nulla piu` dovere agli attori, sorge nel giudicante l'obbligo non pure il diritto di occuparsi di tale eccezione, avvegnacche non sia di quelle che il giudice possa rilevare d'officio (***Mattirolo, "Diritto Giudiziario"***, quinta edizione 1905, Vol. V No 35 lett. a nota 3, no 2 do. Pag. 32 e 33)*". Dan l-istess ragonament insibuh ripetut fis-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell, sede Civili, fl-ismijiet "**Assunta Cassar -vs- Avv. Dr. Carmelo Zammit *nomine***", 4 ta' Novembru, 1955 u "**Fortunato Schembri -vs- Joseph Cachia**", 18 ta' April, 1980;

4. Id-deduzzjonijiet maghmula jew abbracjati f'dawn id-decizjonijiet ma jidherx li huma bla fondament. L-istharrig mill-Qorti ghandu bi skop l-eliminazzjoni ta' l-incertezzi tal-qaghdiet guridici pprezentati u, fuq kollox, l-istabbilita` tad-decizjonijiet. Tali ezercizzju ma jinteressax biss lill-partijiet izda lill-interess pubbliku. Huwa ghalhekk fl-obbligu tal-Qorti li taccerta l-ezistenza u l-portata tal-gudikat, li tirriezamina l-atti tal-process u li taghmel il-valutazzjoni u l-interpretazzjoni taghhom;

5. Dan kollu qed jigi rilevat ghaliex anke fil-kaz prezenti sa mill-istadju bikri tal-procediment, u ferm qabel l-intavolar ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri, il-konvenuti kienu, b'nota separata, esibew kopja tad-decizjoni fl-ismijiet "Aquatess Limited -vs- Alfred Vella *et*" (Avviz Nru. 375/04/DM) deciza fl-24 ta' Gunju, 2005 (fol. 21), li fuqha aktar tard iffondaw l-eccezzjoni ulterjuri tal-gudikat. F'dawn ic-cirkostanzi l-ewwel aggravju qed jigi rigettat;

Ghall-indagini tat-tieni motiv ta' aggravju huwa opportun li jigi l-ewwelnett ripetut illi, kif ghallmet il-Qorti ta' l-Appell, sede Kummercjali, fil-kaz "**Francesca Aquilina -vs- Neg. Giuseppe Gasan *et***", 5 ta' Novembru, 1934, "l-elementi ta' l-eccezzjoni tal-gudikat huma li s-sentenza ta' qabel kienet moghtija f'kawza bejn l-istess persuni u fuq l-istess oggett u ghall-istess kawzali (*eadem personae*, *eadem res*, *eadem causa petendi*) bhal fil-kawza l-gdida, u li l-*exceptio judicati* ghandha bhala fondament taghha l-interess pubbliku, u hija ta' interpretazzjoni strettissima, u

f'kaz ta' dubju, il-gudikant ghandu jaqta' kontra dik l-eccezzjoni". Ara "**Carmelo Said *et* -vs- Nutar Dr Giuseppe Cauchi**", Appell Civili, 20 ta' Ottubru, 1958. Ta' rilevanza li jigi notat illi dawn it-tliet elementi jridu jikko-ezistu flimkien ghaliex, jekk tonqos wahda minnhom, il-gudikat ma jistax jissussisti;

Affermat dan, huwa opportun ukoll li jigu qabel xejn ipprecizati dawn il-fatti kif jemergu mill-process l-iehor hawn fuq imsemmi deciz fl-24 ta' Gunju, 2005. F'dik il-kawza l-ohra s-socjeta` Aquatess Limited ippremettiet li kienet hallset il-kontijiet ta' l-Isptar fejn giet rikoverata Giulia Ellul Sullivan (omm iz-zewg diretturi ta' din l-istess socjeta`) wara li din sofriet griehi f'incident awtomobilistiku tat-22 ta' Ottubru, 2003 meta l-van mikri mis-socjeta` attrici prezenti ha *brake* qawwi bil-konsegwenza li l-imsemmija passiggiera Giulia Ellul Sullivan ssubiet griehi f'irkobtejha. Importanti li jigi rilevat illi kif jermergi mill-atti ta' dik il-kawza u, ukoll mis-sentenza relattiva, is-socjeta` Aquatess kienet cediet l-atti di fronte ghall-konvenuti Alfred Vella u Co-Operative Transport filwaqt li zammet fermi t-talbiet taghha fil-konfront tas-socjeta` attrici odjerna, li, incidentalment, baqghet ukoll kontumaci;

Mill-komparazzjoni bejn iz-zewg processi huwa palesament evidenti bosta illi l-partijiet fl-istanza odjerna, tnehhi s-socjeta` attrici, ma humiex identici ghal dawk tal-kawza l-ohra li ghaddiet in gudikat. Dan wara kollox hekk tikkonstatah ukoll l-ewwel Qorti fil-korp tas-sentenza appellata. Similment, jaghmlu l-konvenuti appellati fir-risposta ta' l-appell taghhom. Gara li mentri huma jirrikonoxxu l-ezistenza ta' din il-qaghda, fl-istess waqt jissottomettu illi la l-mertu taz-zewg kawzi huwa kompletament l-istess, *ergo,* l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tipprevali. Minghajr ebda ezitazzjoni din il-Qorti ma thossx li tista' tikkondividi dan ir-ragonament u konkluzjoni;

Hu mill-Artikolu 237 tal-Kodici ta’ Procedura provvdut illi “is-sentenza ma tista’ qatt tkun ta’ hsara ghal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz ta’ l-awturi jew ta’ rapprezentant legittimu tieghu, ma jkunux parti fil-kawza maqtugha b’dik is-sentenza”. Hu mfisser fis-sentenza fl-ismijiet “**Joseph Spiteri *proprio et nomine* -vs- Edoardo Busuttil *et***” Prim’ Awla, Qorti Civili, 23 ta’ Mejju 1944 illi “biex tkun gudikat, is-sentenza trid tkun moghtija f’kawza fejn kienu prezenti l-partijiet kollha li jidhru fil-kawza sussegwenti, jigifieri li huwa mehtieg l-element ta’ l-*eadem personae*, apparti l-elementi l-ohra li huma wkoll mehtiega”. Tissokta tafferma s-sentenza l-ohra ta’ l-istess Qorti tat-22 ta’ Mejju, 1958 in re: “**Concetta Farrugia -vs- Giorgio Gauci *et***”, fuq it-taghlim tal-**Baudry** (“**Obbligazioni**”, Vol. IV para. 2686) illi “*gli effetti della sentenza sono limitati alle parti in causa, come gli effetti delle convenzioni si limitano alle parti contraenti – ‘res inter alios acta vel judicata aliis nec nocere nec prodesse potest’.”*

Premess, dan, huwa sintomatiku mill-att tas-sentenza l-ohra pronunzjata fuq l-istanza tas-socjeta` Aquatess Limited illi gjaladarba din is-socjeta` kienet estromettiet mill-kawza lill-konvenut odjern Alfred Vella, tant li cediet l-atti fil-konfront tieghu, id-decizjoni hemm moghtija ma tistax, ghal fini tal-kontroversja fil-kawza prezenti, takkwista l-awtorita` ta’ gudikat ghaliex di fronte ghalih zgur dak il-gudikat kien *res inter alios acta judicata* u ma setax la jorbtu u lanqas jehilsu mill-effetti taghha. Ukoll, f’din l-istess istanza prezenti s-socjeta` Aquatess Limited ma hijiex parti u, in kwantu ghal kontradittur Mario Muscat, dan lanqas ma kien parti fil-kawza l-ohra konkjuza b’dik id-decizjoni. Jinzel minn dan kollu b’konsegwenza illi l-konvenuti ma setghux jinvokaw dik id-decizjoni fil-konfront tas-socjeta` attrici ghaliex jonqos ir-rekwizit ta’ l-*eadem personae*. Dan mhux tant ghal fatt taz-zieda ta’ Mario Muscat bhala konvenut, daqskemm tal-fatt illi kien jonqos il-gudikat vis-a-vis il-konvenut Alfred Vella. F’sens piu o meno konformi ghal dan kienet waslet din il-Qorti kif presjeduta fid-decizjoni taghha ta’ l-14 ta’ Novembru, 2007 fl-ismijiet “**Martin Gauci *et* -vs- K. M. L. Manufacturing Ltd**”. Ghalkemm il-Qorti jidhrilha li mhux

necessarju li zzid aktar minn dak li nghad, apparentement, anke il-*causa petendi* hi f'din l-istanza differenti minn dik tal-kawza l-ohra deciza, in kwantu t-talba tidher li hi naxxenti minn relazzjoni guridika diversa, il-wahda kontrattwali (dik prezenti) u l-ohra, akwiljana (dik deciza).

Ghal motivi kollha superjorment dedotti din il-Qorti, qeghda tilqa' l-appell, thassar is-sentenza appellata, u tirrimetti l-atti lura lill-ewwel Qorti biex hemm jigi minn dik il-Qorti definit u deciz il-mertu wara d-debita konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet l-ohra sottomessi. L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenuti apellati, hlief fejn din il-Qorti cahdet l-ewwel motiv ta' aggravju bl-ispejjez tieghu jibqghu sopportabbli mis-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------